# 30 u 31 ta' Mejju

Suppost li nhar il-Ħadd li ġej kellna nagħmlu l-festa tal-Ewwel Tqarbina. Iċ-ċirkustanzi li qegħdin fihom ma ppermettewx li nagħmluha. Imma tinkwetawx għax għad jiġi l-mument li fih intom it-tfal li qed tistennew, tiġi l-ġurnata tagħkom ukoll. Bħalissa għad ma għandniex perviżjoni tad-data tal-preċetti. Kollox jiddependi mid-direttivi li jagħtuna. Sadanittant infakkar lit-tfal li kull nhar ta' Tnejn u t-Tlieta jkollna dawk il-ftit mumenti għall-imsieħba tal-Merħla Ċkejkna, fejn nagħmlu ftit tagħlim nisrani wara l-quddiesa tad-9.00am li tkun fuq ir-radju u anke bil-live streaming fuq Facebook.



Dan il-Ħadd 31 ta' Mejju qegħdin niċċelebraw il-Pentekoste, il-festa tal-Inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli, il-festa tat-twelid tal-Knisja. F'dan il-jum għandna nitolbu lill-Ispirtu ta' Alla biex dejjem imexxina hu, jinżel fuqna bil-qawwa tiegħu. Aħna l-Insara rridu nkunu dejjem ferħanin fi Kristu. Irridu kif jgħid San Pawl "nitolbu bla heda" (I Tess 5:16). Irridu nkunu konvinti li l-Ispirtu Qaddis jieħu ħsiebna kontinwament.

Anke fejn kollox jidher wieqaf bil-Corona Virus, forsi huwa l-mument fil-ħajja tagħna li nagħtu iktar kas tal-ispirazzjonijiet tiegħu. Ejjew nitolbu lill-Ispirtu Qaddis biex jurina liema huma l-kariżmi li aħna għandna u li Hu jħaddem fina. Nitolbuh jgħallimna nirriskjaw, jgħallimna nfittxu, jgħallimna nħobbu l-Kelma tal-Bibbja.

Hawn min jgħid li d-dinja, u magħha l-Knisja, mhix se tkun l-istess wara li tieqaf din l-imxija. Qed jistennew li ħafna affarijiet se jkunu differenti. Is-saċerdot Trappist Thomas Merton fil-ktieb tiegħu, "Seeds of Contemplation", jgħidilna li "dawk li jibżgħu jirriskjaw biex jippruvaw il-ġdid, qatt ma jagħmlu avvanz ta' xejn." Ma naħsibx li se nkunu nistgħu mmorru lura għar-rutina. Irridu nkunu dejjem Knisja li tissogra, li tafda f'Alla, li jkollha l-umiltà li temmen li l-Ispirtu s-Santu jinżel fuqha bħal nar u riħ qawwi, biex jimbuttaha 'l quddiem, biex jgħaddina minn triqat ġodda.

***L-Arċipriet***

## Talba lill-Ispirtu s-Santu
**tal-Kardinal Mercier**

O Spirtu Qaddis,
ruħ tar-ruħ tiegħi
jien nadurak.
Dawwalni, mexxini,
saħħaħni, farraġni,
għidli x'għandi nagħmel.
Agħtini l-ordnijiet.

Inwiegħdek li jien nbaxxi rasi
għal dak kollu li trid minni
u naċċetta dak kollu,
li inti tippermetti
li ngħaddi minnu.
Agħtini biss, li nagħraf
ir-rieda tiegħek.
Ammen.